OMBUDSMAN

MALTA

**Każ Nru OMB-24-4570**

9 ta' Ottubru 2025

L-Onorevoli Dott Anġlu Farrugia
Speaker
Kamra tar-Rappreżentanti
Parlament ta' Malta
Pjazza Ħelsien
Valletta VLT 1111

Onorevoli Speaker

Dan l-Uffiċċju investiga ilment tal-Azzjoni Kattolika Maltija dwar allegazzjonijiet ta' inġustizzja u diskriminazzjoni improprja mwettqa mill-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali.

Dan l-Uffiċċju sab li l-ilment kien ġustifikat u sab li l-Ministeru kien ipprovda għotjiet lil diversi media houses mingħajr ma estenda trattament ekwivalenti lill-Azzjoni Kattolika Maltija.

Minkejja r-rakkomandazzjoni tiegħi lill-Ministeru biex din l-inġustizzja tiġi rimedjata billi l-Azzjoni Kattolika Maltja titħallas l-għotja, il-Ministeru għażel li ma jimplimentax din ir-rakkomandazzjoni.

Għaldaqstant u wara li jiena kkomunikajt dan lill-Prim Ministru, qiegħed nibgħat kopja tar-Rapport tiegħi ma' dokumenti oħra relevanti għall-konsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati skond l-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman.

Inselli għalik

Imhallef Joseph Zammit McKeon
Ombudsman

Dokumenti Annessi

Office of the Ombudsman | 11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
Phone: +356 2248 3210 | Fax: +356 2124 7924 | Email: office@ombudsman.org.mt www.ombudsman.org.mt